Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10344 — Accenture/Umlaut)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 301/05)

1. Fl-20 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Accenture plc ("Accenture", l-Irlanda),

— Umlaut SE ("Umlaut", il-Ġermanja).

Accenture takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Umlaut kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Accenture: organizzazzjoni ta' servizzi professjonali fuq livell dinji li tipprovdi servizzi ta' konsulenza maniġerjali, teknoloġiċi u ta' outsourcing,

— għal Umlaut: fornitur ta' servizzi professjonali bbażat il-Ġermanja li jiffoka fuq il-qasam tas-servizzi tal-inġinerija, jiġifieri l-forniment ta' servizzi ta' loġistika (bħad-disinn, l-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni ta' prodotti u karatteristiċi kumplessi) u s-servizzi ta' konsulenza rispettivi (inkluża l-konsulenza strateġika, ta' proċessi, organizzattiva u teknika), kif ukoll servizzi ta' ttestjar u ta' validazzjoni tal-inġinerija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid dejjem tiġi indikata:

M.10344 — Accenture/Umlaut

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Jekk jogħġbok uża d-dettalji ta' kuntatt hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.